SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 29/K7/14**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 23/06/'14** **312**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 23/06/'14** **367**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 21/11/'13** **19**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2014

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.00 p.m.

1.03 Preżenti:
Is-Sindku Peter Bonello
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati (0) -

1.05 Assenti (2) – Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Anthony Grech

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Kienu preżenti wkoll il-Perit tal-Kunsill, Stephen Farrugia u s-Sur Albert Borg rappreżentat tal-MP & DC.

1.08 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fis-17 ta' Ġunju 2014. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Xelter tal-Gwerra fi Triq Lapsi
4. Aġġornament – Proġett għal *Upgrading* tal-Pjazza u tal-Madwar.
5. Approvazzjoni ta' Pagamenti
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 28/K7/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 28/K7/14.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 41/KA1/14 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A' ).

1.4.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna wasal fis-2.10p.m.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

2711 Email mingħand is-Sur Brian Camilleri biex jarma *Bouncy Castle,* stand tal-Popcorn u Candy Floss għall-festa ta' San Ġiljan.

3082 & 3146 Ċirkulari 08/2014 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar '*Exclusion from the award of public contracts to GAFASSAVEWAYS Ltd. C-15908 and CLENTEC Ltd C-48089'*.

3175 Email mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 15/2014 – Posta Elettronika tal-Membri tal-Kunsill Lokali.

3193 Email mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 17/2014 – *Streaming* tal-Laqgħat *online* u Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għas-servizz tal-internet.

3200 Email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli dwar il-parti magħrufa bħala s-simenta, li hemm taħt Triq il-Kbira.

3267 Email mill-Uffiċċju tal-Onorevoli Stefan Bountempo rigward l-laqgħa miegħu.

3278 Talba mingħand is-Sur Michael Fava sabiex jarma *stand* tal-ikel.

3324 Email mingħand l-US Embassy b'talba għal attivita'.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 **Rif. Nru. 2711**

Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Brian Camilleri b'talba biex jarma Bouncy Castle, Stand tal-Popcorn u Candy Floss għall-festa ta' San Ġiljan. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li jinħareġ permess biex jarma n-naħa ta' ġewwa fil-parking area ta' ħdejn it-Tigulio, dment li ma jingħalaqx l-aċċess għall-iScotts Supermarket.

2.03 **Rif. Nru. 3082 & 3146**

Saret riferenza għaċ-Ċirkulari 08/2014 dwar '*Exclusion from the award of public contracts to GAFASSAVEWAYS Ltd. C-15908 and CLENTEC Ltd C-48089'* mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali.
Ġie deċiż unanimament li tintalab gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali minħabba li fil-preżent il-Kunsill għandu kuntratt mat-TF Services li huma *joint venture* mal-Clentec Ltd u Clean Master u għalhekk il-Kunsill jixtieq ikun jaf jekk għandux iwaqqaf il-kuntratt jew le.

2.04 **Rif. Nru. 3193**

Saret riferenza għall-email mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward **Memo 17/2014 – Streaming tal-Laqgħat *online* u Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għas-Servizz tal-Internet**.

Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma japplikax għall-iskema u jibqa' jsostni mad-deċiżjoni li ħa fil-Minuti Nru. 25/K7/14 fejn il-Kunsill joġġezzjona unanimament li tinħareġ is-sejħa biex isir l-*live streaming* tal-laqgħat u li jiġi nstallat l-apparat għal-live steaming tal-laqgħat. Dan minħabba li l-Kunsill jidhirlu li bil-live streaming ser jitneħħa l-liberta' tal-kelma u ta' l-espressjoni. Il-Kunsill itenni li l-liġi tippermetti li l-pubbliku jista' jattendi għal-laqgħat. Madanakollu l-Kunsill ser jistudja s-sitwazzjoni.

2.05 **Rif. Nru. 3200**

Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli dwar il-parti magħrufa bħala s-simenta, li hemm taħt Triq il-Kbira. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li tintbagħat talba lid-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex il-Kunsill jingħata kopja tal-permess/i li għandu s-Sur Micheal Borg dwar il-boat house li hemm fuq is-simenta taħt Triq il-Kbira, l-parti fl-inħawi tal-Knisja tal-Karmnu.

2.06 **Rif. Nru. 3267**

Il-Kunsill ġie nfurmat bil-laqgħa li ser issir mal-Onor. Stefan Bountempo nhar l-Erbgħa 16 ta' Lulju 2014 fid-9.00a.m.

2.07 **Rif. Nru. 3278**

Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Michael Fava sabiex jarma stand bl-ikel fid-9 ta' Lulju 2014.

Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-inc. 3096/14 dwar attivita' li ser tittella mill-Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali bejn id-9 u l-10 ta' Lulju 2014, kif ukoll li l-Kunsill ġie nfurmat biex ma jinħarġu l-ebda tip ta' permess waqt li tkun għaddejja din l-attivita'.

Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li s-Sur Fava jiġi nfurmat li l-Kunsill m'għandu l-ebda attivita' f'dik il-ġurnata għaldaqstant mitlub jirreferi t-talba tiegħu lid-Dipartiment/Awtoritajiet ikkonċernat.

2.08 **Rif. Nru. 3324**

Saret riferenza għat-talba tal-US Embassy dwar *performance* pubblika mill-banda tagħhom. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li ssir l-attivita' dment li jinfurmaw lill-Pulizija.

**3. Xelter tal-Gwerra fi Triq Lapsi**

3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat bil-korrispondenza mid-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern, Direttorat għat-Tmexxija tal-Proprjeta' (inc.ref. 3001/14 – Ara Appendici 'B') fejn il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment lest jikkunsidra t-talba tal-Kunsill u li kien qed jingħata l-permess biex jinfetaħ ix-xelter sabiex isir survey tiegħu.

3.02 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li s-Sur Jilian Micallef offra li jagħmel is-survey bla hlas.

3.03 La darba jkun lest dan is-servey ser jintbagħat lid-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern, Direttorat għat-Tmexxija tal-Proprjeta' biex jitkomplew il-proċeduri.

**4. Aġġornament – Proġett għal Upgrading tal-Pjazza u tal-Madwar**

4.01 Il-Perit Stephen Farrugia (MP & DC) u r-rappreżentat tal-MP & DC waslu fit-2.50p.m.

4.02 Il-Kunsill ġie aġġornat bil-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 9 ta' Ġunju 2014.

4.03 Għal din il-laqgħa kienu preżenti:-

Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Irene Borg
Is-Segretarju Eżekuttiv Ms. Helen Walker
Il-Perit Stephen Farrugia (MP & DC)
Is-Sur Albert Borg (MP &DC)

4.04 Din il-laqgħa ssejħet biex jiġi spjegat il-*way forward* tax-xogħolijiet.

4.05 Peress li s-Sindku ma setax jattendi għal din il-laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li ġiet inkarigata mis-Sindku, biex tiġbed l-attenzjoni tagħhom li l-

materjal kif ikkwotat fl-istima għal-Telgħet Birkirkara jidhirlu li m'huwiex l-istess materjal li ddiskuta meta talab l-istima. Għalhekk issuġġerixxa li din għandha tkun tal-*paving blocks*' kif inhi fil-preżent.

4.06 Waqt il-laqgħa ġie diskuss li x-xogħolijiet jiġu mqassma kif ġej:-

a) **Phase I** – Issir Telgħet Birkirkara. Il-Kunsill għad irid jagħżel il-materjal mis-samples li jiġu provduti.

b) Tiġi riveduta l-istima skont il-materjal li jintagħżel.

c) Tiġi nkluża l-parti tal-bankina tan-naħa l-oħra tat-triq. Jiġifieri min-naħa ta' Villa Maria Theresa ż-żewġ naħat.

d) **Phase II** – Isiru x-xogħolijiet tal-bankina minn quddiem il-Każin tal-Banda ta' San Giljan, il-bankina ta' Triq Wied Għomor, in-naħa tal-bankina tas-Saddles u l-ħwienet ta' ħdejh.

e) Ġie diskuss li din il-fażi tibda f'Settembru minħabba l-attivitajiet tas-Sajf.

f) Il-Perit għandu jiggwida lill-Kunsill dwar jekk hemmx bżonn li jsiru xi applikazzjonijiet kemm lill-MEPA, lit-Transport Malta jew applikazzjonijiet oħra.

g) Għandu jintalab *site meeting* mal-Banif biex jiġu nfurmati bix-xogħolijiet. (Ara K0713/Proj FI/14 – CCF – Appendiċi 'C' ).

h) **Phase III** – Isiru x-xogħolijiet fl-area tal-Bus Stop.

i) Il-Perit ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li jsir survey ta' dik l-area. Sar qbil li ssir talba lill-Ministeru tax-Xogħolijiet, il-Perit Ray Farrugia, fejn il-Kunsill jistaqsi jekk jistax jingħata kopja tas-survey tal-Pjazza Spinola li tindkludi l-area tal-Bus Stop. (Il-Kunsill ġie nfurmat bil-korrispondenza li ntbagħtet lill-Perit Farrugia u t-tweġiba. Ara Inc. 3356/14 Appendiċi 'D').

j) Il-Kunsill ġie nfurmat li jekk il-Perit Ray Farrugia ma jipprovdix dan is-survey, il-Kunsill ikollu jagħmel is-

survey ta' l-area msemmija qabel ikunu jistgħu jibdew ix-xogħolijiet.

k) Qabel intemmet il-laqgħa sar qbil li għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss isir aġġornament ta' dan il-proġett.

l) Il-laqgħa ntemmet fil-10.40p.m.

4.07 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill, li r-Reġjun Ċentru ġie nfurmat li ser ikun hemm tibdil fl-istima oriġinali u li l-Kunsill irċieva risposta (Ara K0743/Proj. Fl & 258/14-JC u Inc. 3340/14 - Ara Appendiċi 'E' ).

4.08 Il-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu s-samples tal-materjal biex jintużaw f'Telgħet B'Kara.

4.09 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li jintużaw paving blocks ta' kulur griż ċar u skur u li l-Perit tal-Kunsill jirrivedi l-istima ta' l-Inc. Ref. 1643/14.

4.10 Il-Perit Stephen Farrugia ġie mitlub jinforma lill-Kunsill bil-miktub jekk il-materjal kollu msemmi fl-istima inkluż ix-xogħlijiet jistgħux isiru mill-kuntratturi li għandu l-Kunsill bil-contract period.

4.11 Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li kienet diġa talbet lill-Perit biex jinforma lill-Kunsill bil-miktub dwar jekk ix-xogħolijiet u l-materjal kollu mniżla fl-istima humiex koperti bil-contract periods li għandu l-Kunsill. Iżda s'issa ma ngħatat l-ebda risposta.
(Ara (Ara K0677/Proj Fl/14 – CS, Inc. Ref. 3186/14 u K0724/Proj Fl & 171b/14 – CCF, Rif. K0741/Proj.Fl/14 – MC u Inc. Ref. 3321/14) – Appendiċi 'F').

4.12 Ġie deċiż unanimament li qabel ma' l-Kunsill ikollu l-istima riveduta u r-risposta tal-Perit m'għandhiex tinħareġ il-works order.

4.13 Iċ-Ċermen informa lill-Perit li għandha ssir tabella li tgħid li x-xogħolijiet qed isir mir-Reġjun Ċentru b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali San Ġiljan u li kien ser jikkonferma mar-Reġjun dwar il-kliem u l-qies.

4.14 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li bid-differenza li toħroġ mill-istima u bil-fondi li l-Kunsill għad irid jircievi mir-Reġjun Ċentru

dawn ser jintużaw għall-extra cleaning services, il-ġbir ta' borża is-sewda nhar ta' Tlieta u Ġimgħa, ħasil tat-toroq ta' San Ġiljan l-iżjed li għandhom bżonn, is-servizz tal-mini-van/bus mill-Balluta għal Ta' Ġiorni fid-9.00 p.m. u l-11.00 p.m. matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu u Settembru, li jsir patching fi Triq il-Kbira fl-inħawi tal-Croppers u tal-Knisja tal-Karmnu, u fi Triq San Ġorġ fl-inħawi tal-Wembley Garage.

4.15 Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fuq talba tas-Sindku, il-Kunsill ircieva kwotazzjoni mingħand il-Kuntrattur għall-ġbir adizzjonali ta' jumejn ta' l-iskart (il-borża s-sewda) nhar tat-Tlieta u l-Gimgħa. (Ara inc. Ref. 3370/14 – Appendiċi 'G') li tgħid:

- *Kindly note that the service for waste collection for the additional 2 days, being Tuesday and Friday, is Euro 23,742 per annum for St Julian's and Euro 11,672 per annum for Paceville. Kindly note that this quote includes contract manager and is inclusive of VAT. May I kindly point out that this quotation is based on the current diesel price of Euro 1.36 and thus the cost of these additional days may vary depending on the diesel price change.*

4.16 Ġie deċiż unanimament li:-

a) jinġabru l-kwotazzjonijiet u jiġi nfurmat ir-Reġjun Ċentru biex japprova l-finanzjament.

b) tintalab gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill jistax jipprovdi żewġ servizzi kuljum ta' mini-van / bus mill-Lulju sa Settembru għar-residenti ta' Ta' Ġiorni fejn is-servizz jingħata b'xejn għar-residenti u li l-ispiza jħallasha l-Kunsill.

4.17 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill direzzjoni ċara dwar liema xogħolijiet jew servizzi ser isiru l-ewwel bil-finanzjament li diġa' għandu approvat il-Kunsill mir-Reġjun Ċentru. Dan biex ma jkunx hemm disgwid, ikun hemm kontroll fuq in-nefqa u sabiex ikunu jistgħu jinħarġu l-works orders.

4.18 Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll bl-email mingħand ir-Reġjun Ċentru dwar kif ser isir il-ħlas lill-Kunsill (Ara Inc. 2996/14 – Appendiċi 'H') u li b'dawn il-kundizzjonijiet ser ikunu nfurmati l-kuntrattur qabel tinħareġ il-*works order.*

4.19 Ġie deċiż unanimament li mill-fondi li huma approvati mir-Reġjun Ċentru, u dment li dawn if-fondi jservu, għalissa jsiru:-

a) ix-xoghlijiet ta' Telgħet B'Kara.

b) Il-ħasil tat-Triq Wied Għomor mill-Kantuniera ma' Triq Forrest sal-Pjazza Spinola u id-dawra tal-baħar mill-Baracuda sad-Dick's Bar.

c) Is-Servizz tal-mini-van/bus matul ix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru.

d) Is-servizz addizzjonali tal-ġbir ta' l-iskart tal-borża s-sewda nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa.

e) Jekk jifdal fondi isir il-patching fi Triq il-Kbira fl-inħawi tal-Croppers u tal-Knisja tal-Karmnu, u fi Triq San Ġorġ fl-inħawi tal-Wembley Garage.

4.20 Il-Perit Farrugia ġie mitlub biex:-

a) jagħmel rapport tal-Village Core fejn inqala' il-pavimentar mill-WSC biex saru xogħolijiet tagħhom.

b) jagħti tweġiba għall-korrispondenza rif.inc. P263/14 dwar problema tad-drenaġġ fi Triq Spinola, San Ġiljan.

4.21 Il-Perit Stephen Farrugia u s-Sur Albert Borg ġew skużati fl-3.40p.m.

4.22 Inġibded l-attenzjoni tal-Kunsill li, għal darb'oħra, il-Massive Promotions naqqsu milli jirregolarizzaw il-permessi dwar it-tqegħid ta' banners u li l-kwantita' li hemm huwa aktar mill-permessi li nħarġu. Hemm imwaħħla wkoll streamers ta' l-*Ice Watch* li huma bla permess.

4.23 Ġie deċiż unanimament li l-Aġent Kummisarju Ray Zammit jiġi nfurmat biex tittieħed l-azzjoni neċessarja biex jitneħħew il-banners kollha li hemm bla permess.

4.24 Il-Kunsillier John Agius ġie skużat fl-4.00p.m.

**5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'I').

5.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3597 sa 3606 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'J').

6.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3597 sa 3606.

6.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

6.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**7. Materji Oħra**

7.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill bil-laqgħa li kien hemm dak in-nhar mal-Ministru tat-Transport u Infrastruttura, l-Onorevoli Joe Mizzi fejn ingħatat l-informazzjoni dwar it-**Touristic Zones cleaning programme of works 2014** għal San Ġiljan u Paceville (Ara Appendiċi 'K').

7.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li: -

a) inħarġet is-sejħa għall-offerti għal-*insurance coverage* u li din tagħlaq fit-28 ta' Lulju 2014 fl-10.30a.m.

b) Il-laqgħat tal-Kunsill li jmiss ser isiru kif ġej:-

- il-Ħamis 31 ta' Lulju 2014 fis-2.00 p.m.

- il-Hamis 7 t' Awwissu 2014 fis-2.00 p.m.
- il-Hamis 25 ta' Settembru 2014 fis-2.00 p.m.

7.03 Ġie deċiż unanimament li: -

a) Tintbagħat ittra lill-Ministeru tat-Turiżmu sabiex jiżdied ir-ramel fil-Bajja tal-Balluta u titnaddaf mill-ġebel kbar li daħal bil-maltemp u li jiġi rranġat t-taraġ li parti minnu huwa ta' periklu għall-pubbliku. B'din l-ittra jiġi nfurmat ukoll l-Onor. Joe Mizzi, Ministru għat-Transport u l-Infrastruttura.

b) Tintbagħat ittra lill-Ministeru tax-Xogħolijiet, lill-Perit Ray Farrugia fejn jiġi nfurmat li mad-dawra tal-baħar fi Triq Ġorg Borg Olivier u Triq il-Kbira għad hemm ħafna fanali neqsin.

7.04 Il-laqgħa ntemmet fit-4.35p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Ezekuttiv**